**ĦAL TARXIEN**

**KUNSILL LOKALI TARXIEN**

**Minuti Laqgħa Nru. 28/06**

* **Il- laqgħa Nru 28/06 tas-Sitt Amministrazzjoni saret nhar il-Erbgħa 23 ta' Frar 2011 fis-5.30pm fl-Uffiċċji Amministrattivi f'73, Triq Santa Marija, Tarxien.** — Data u hin

** **Preżenti għal-Laqgħa:**

| | |
|---|---|
| **Kav. P. Farrugia** | **Sindku** |
| **Is-Sur F. Agius** | **Viċi Sindku** |
| **Is-Sinj. D. Vella** | **Kunsilliera** |
| **Is-Sur K. Darmanin** | **Kunsillier** |
| **Is-Sinj. C. Lanzon** | **Kunsilliera** |
| **Is-Sur M. L. Mallia** | **Segr. Eżekuttiv** |
| **Is-Sjrna Marisa Pisani** | **A/Seg. Eżek.** |
| **Is-Sur L. Bonavia kien skuzat** | |
| **Is-Sur I. Dalli kien skużat** | |

*** **Is-Sur P. Farrugia qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 1.0 *Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 27/06*

Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

**1.1** Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Numru 26/06 tas-16/01/11 u l-Minuti tal-Laqgħa Straordinarja Numru 27/06 tal-14/02/2011 ġew iċċirkolati minn qabel, is-Sindku staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab lill-Kunsill jekk kienux korretti.

**1.2** Il-Kunsill approva l-Minuti nem con. li ġew iffirmati mis-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Il-paġni kollha tal-Minuti ġew inizjalati wkoll minnhom.

## 2.0 *Komunikazzjoni mis-Sindku*

**2.1** Is-Sindku qal li din hija l-aħħar Seduta li s-Seg. Eżek. qiegħed jattendi u għan-nom tal-Kunsill irringrazzjah għall-ħidma li wettaq kemm ilu f'din il-kariga.

Tmiem tal-Impjieg tas-Seg. Eżek.

**2.2** Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll bl-ittra mid-Dipt. tal-Gvern Lokali datata 3 ta' Frar 2011 fejn is-Sjna Marisa Pisani ġiet maħtura uffiċċjalment bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' dan il-Kunsill b'effett immedjat. Il-Kunsill unanimament approva din il-ħatra.

Approv. Tal-Agent Seg. Eżek.

**2.3** Dwar il-proġett ta' Triq Birbixkilla s-Sindku nforma li t-Transport Malta għad ma ħarġietx il-permessi.

Proġett ta' Triq Birbixkilla

2.3.1 Is-Sindku qal li jekk din l-Awtorita' ser tkompli b'dan l-atteġjament ser jsejjaħ press conference.

2.3.2 Is-Sindku nforma wkoll li x-xogħlijiet inbdew, inbiddlu s-servizzi u ser jinbdew ix-xogħlijiet ta' pavimentar minkejja li l-permessi għadhom pendenti.

**2.4** Is-Sindku ddeplora l-fatt li xi entitajiet jwettqu xogħlijiet fil-lokalita' mingħajr ma l-Kunsill jiġi kkonsultat.

Xogħol minn Entitajiet mingħajr permess

2.4.1 Huwa qal li eżempju ċar ta' dan l-atteġjament huwa l-bus shelter f' Żejtun Road fejn ix-xogħlijiet inbdew fi tmiem il-ġimgħa mingħajr ma ġie nfurmat il-Kunsill.

Bus Shelter fi Triq iż-Żejtun

2.4.2 Il-Viċi Sindku qal li rċevejna email dwar dak il-bus shelter fi Triq Palma.

Bus Shelter fi Triq Palma

2.4.3 Is-Sindku ppropona li l-qadim li ser jinqala' minn Triq iż-Żejtun jiġi mwaħħal fi Triq il-Palma.

2.4.4 Il-Kunsill ġie nfurmat li din il-materja ġiet diskussa mal-.AKL permezz tas-Sindku.

**2.5** Dwar il-bankina fi Triq Brittanika s-Sindku nforma li l-pavimentar tlesta.

Pavimentar Triq Brittanika

2.5.1 Huwa qal li issa jridu jiġu sealed ix-xelters, isir kisi tal-kurduna u l-katnazzi mal-bokok.

2.5.2 Ingħatat spjegazzjoni ta' kif ġew mgħoddija l-pipijiet għal-ġiebja kif ukoll dwar xogħlijiet oħra strutturali fix-shelter.

Xogħlijiet fix-xelter

2.5.3 Il-Kunsill approva x-xiri ta' pompa submersabble mingħand Demajo għall-prezz ta' €145. Pompa

2.5.4 Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li għalissa għadu qed jintuża l-generator sakemm ikun hemm is-supply tad-dawl. Użu tal-generator

**2.6** Dwar l-applikazzjoni lill-MEUSAC għat-tisbiħ tax-Shelter is-Sindku qal li din għada ma ħarġitx uffiċċjalment. Applik. Lill-MEUSAC

2.6.1 Huwa nforma wkoll li dan il-proġett ser jkun bejn xi ħames kunsilli.

**2.7** Il-Kunsill ġie nfurmat li minkejja li saru diversi reminders għad m'hemm l-ebda risposta dwar il-ħaddiema ta' l-IPSL. Ħaddiema tal-IPSL

**2.8** Is-Sindku rraporta dwar il-ground 5-aside u qal li dan jinsab f'sitwazzjoni ferm ħażina u fih ħsara konsiderevoli. Il-Kunsill ġie nfurmat li hemm bażi biex tinfetaħ kawża u qabel li nikkomunikaw ma' l-Avukat dwar dan. Ħsara fil-ground 5 aside

**2.9** Dwar it-tender tar-resurfacing il-Kunsill ġie nfurmat li kien hemm biss offerta waħda ta' Polidano. Tender Resurfacing

2.9.1 Is-Sindku nforma li diġa' sar komunikat mad-Dipt. Gvern Lokali biex din tiġi approvata.

**2.10** Is-Sindku rrefera għall-proġett ta' tisbiħ ta' Sqaq Sta. Marija. Huwa qal li hemm bżonn li ssir sejħa għall-offerti għax-xiri ta' *decorative lights* b'L.E.D's kif ukoll għall-*planters on pole* peress li f'dan l-isqaq jidħlu l-karozzi u għalhekk mhux possibli li dawn jitpoġġew fl-art. Il-Kunsill approva. Tisbih ta' Sqaq Santa Marija

2.10.1 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-WSC għadhom ma ħallsux l-iżpejjeż involuti tax-xogħol li sar fuq il-manhole fi Ġnien Ovindoli. Spejjeż mill-WSC fi Ġnien Joanne

**2.11** Il-Kunsill ġie nfurmat li għad m'hemm l-ebda risposta mit-Transport Malta dwar traffic management aħjar fi Triq il-Knisja ma' Triq Żejtun. Traffic Management fi Triq il-Knisja

**2.12** Is-Sindku nforma li r-resident li talab li jsir apparat ta' eżerċizzju għall-adulti reġa għamel talba oħra biex dan jiġi nstallat fil-bandli ta' Triq Santa Marija u Ġnien Joanne. Apparat tal-Eżerċizzju għall-adulti

2.12.1 Huwa nforma wkoll li kellu laqgħa mal-Standards Committee li rwol tiegħu hu li jagħmel spezzjonijiet u jiċċertifka li l-playing fields huma safe. Spezzjonijiet mill-iStandards Committee

2.12.2 Is-Sindku qal li din l-Entita' għandha l-poter li jekk dawn ma jkunux ta' standard tagħlaqha. Huwa nforma wkoll li dawn ser jirrakomandaw xi bżonnijiet ikun hemm.

**2.13** Is-Sindku rrefera għall-iskema "Riġenerazzjoni f'oqsma tal-Binjiet tal-Gvern" mnedija mill-Awtorita' tad-Djar. Huwa nforma li l-applikazzjoni bil-proġett propost intbgħatet. Skema "Riġenerazzjoni f'Oqsma tal-Binjiet tal-Gvern"

2.13.1 Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li saret talba għad-devoluzzjoni ta' l-art imsemmija fil-proġett. Devoluzzjoni tal-Art

**2.14** Is-Sindku nforma li għad ma kien hemm l-ebda żvilupp dwar il-laqgħa li saret mas-Seg. Parlamentari Dr Jason Azzopardi. Laqgħa mas-Seg. Parl. Dr J. Azzopardi

**2.15** Dwar l-istedina mis-Sindku ta' Godeni biex 10 persuni Tarxiniżi jipparteċipaw fis-Citizen's Meeting , is-Sindku nforma li l-biljett ta' l-ajru jiswa €540. Stedina mis-Sindku ta' Godeni

2.15.1 Huwa nforma wkoll li għadu qed ifittex persuni li forsi jkunu nteressati jipparteċipaw.

## *3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku*

**3.1** Is-Sindku nforma l-Kunsill li nhar il-Ġimgħa 25 ta' Frar 2011 f'xi 9 ta' filgħodu d-Direttur il-ġdid s-Sur Carmelo Abela se jżur il-Kunsill. Żjara mid-Dir. ta' DGL

**3.2** Il-Kunsill ġie nfurmat bit-talba li saret lit-Transport Malta biex Triq San Ġużepp issir "one way". Triq San Ġużepp

3.2.1 Huwa spjega l-problemi eżistenti li qed jostakolaw il-flow tat-traffiku u ppreżenta pjanta b'din il-proposta. Il-Kunsill approva din it-talba.

**3.3** Is-Sindku rrefera għall-proġett ERDF213- Sustainable Tourism in a Village of Culture and Heritage. Huwa nforma li dan ġie magħżul mill-OPM għal – co-finanzjament. Proġett ERDF

3.3.1 Huwa qal li diġa' saret laqgħa mal-Perit u dalwaqt jibda x-xogħol biex dan jiġi mplimentat.

**3.4** Is-Sindku nforma li huwa attenda l-AGM ta' l-iscouts u qal li waqt il-laqgħa ġie diskuss il-bini ta' kamra fid-Dar tal-Kejka. Bini ta' Kamra fid-Dar tal-Kejka

3.4.1 Huwa qal li d-Dar tal-Kejka hija devoluta lill-Kunsill u kull xogħol infrastrutturali jrid isir minnu. Is-Sindku rraporta li dawn qed jitolbu li tinbena l-kamra u l-finishings tagħha jsir mill-voluntiera.

3.4.2 Il-Kunsill unanimament qabel ma dan u approva l-finanzjament ta' xogħlijiet u x-xiri tal-materjal neċessarju.

**3.5** Ġiet moqrija l-ittra tal-iskrivana Antonella Galea għal żieda fis-siegħat. Il-Kunsill approva li din tibda' taħdem 30 siegħa. Żieda fis-siegħat ta' xogħol

3.5.1 Ġiet ippreżentata wkoll l-iskeda tas-siegħat li ser jaħdmu t-tlett skrivani matul ix-xahar ta' Marzu 2011. Din ġiet approvata mill-Kunsill.

**3.6** Is-Sindku ppropona attivita' lejn l-aħħar ġimgħa ta' April 2011 li tkopri fiha t-tberik ta' l-annimali . il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Attivita' fl-aħħar ġimgħa' ta' April

**3.7** Il-Kunsill ġie nfurmat bil-laqgħa li saret mal-kittieb Peter Caruana. Is-Sindku spjega li dan għandu sensiela ta' kitbiet dwar personaġġi fir-raħal. Laqgħa mal-kittieb Peter Caruana

3.7.1 Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u approva l-publikazzjon ta' ktieb b'dawn il-kitbiet.

**3.8** Dwar il-proposta biex tiġi żviluppata l-area Ta' Sardinja fejn il-Kunsill qabel mal-iżvilupp ta' Skola Privata. Wara riċerka li saret mill-promoturi rriżulta li parti kbira min din l-art tappartjeni individwi privati. Proposta għal żvilupp ta' Triq Sardinja

3.8.1 Is-Sindku qal li dan l-iżvilupp huwa parti mill-Pjan ta' Żvilupp tan-Nofs in-Nhar ta' Malta u bħala President tar-Reġjun ser jitlob liċ-Chairman tal-MEPA sabiex jinvestiga l-każ.

**3.9** Is-Sindku rrefera għall-proġett ta' installazzjoni ta' sistema photovoltaic fuq il-latrini fi Triq it-Tempji Neolitiċi. Sistema Photovoltaic fuq il-Latrini

3.9.1 Il-Kunsill approva l-ħruġ ta' Tender li tkopri fiha x-xogħlijiet kollha neċessarji f'dan il-proġett (Turnkey). Ħruġ ta' tender (Turnkey)

## *4.0 Affarijiet Finanzjarji*

**4.1** L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata unanimament mill-Kunsill. Skeda ta' Pagamenti

**4.2** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kumitat Konġunt tal-LES għaddew cheque ta' €14,500 lill-Kunsill. Is-Sindku qara fid-dettal din l-iskeda li ġiet approvata nem-con mill-Kunsill sabiex isir il-ħlas dovut rispettivament. L-iskeda ġiet iffirmata mis-Sindku. (App. 2). Cheque mingħand il-Kumitat Konġunt LES

**4.3** Il-Viċi Sindku ppreżenta gift voucher ta' €1,100 maħruġ mit-TCTC li jista' jintuża fil-BIZ-Project. Gift voucher mingħand TCTC

## *5.0 Approvazzjoni tal-Budget 2011*

Budget

5.1 Il-Kunsill unanimament approva l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2011.

## *6.0 Aġġudikar tal-Offerta "Resurfacing PPP"*

Resurfacing PPP

6.1 Il-Kunsill qabel unanimament li l-kuntratt fuq imsemmi jiġi mġedded mill-01/03/2011 sat- 28/2/2012 għat tieni sena konsekkuttiva.

## *7.0 Rapport dwar il-Ħidma tal-Kunsillieri*

**7.1.0 <u>Rapport mill-Viċi Sindku Frans Agius</u>**

7.1.1 Il-Viċi Sindku F. Agius rrefera għall-attivita' "Epoka" u nforma li qed jinħadem il-Budget. Kif ukoll beda jagħmel xi kuntatti m'organizzazzjonijiet li ser ikollna bżonn is-servizz tagħhom.

7.1.2 Huwa ta wkoll rendikont bħalissa tal-korsijiet tal-kompjuter u nforma li dawk għall-adulti nbdew u fil-jiem li ġejjien se ssir sejħa għall-pesuni ntressati fl-ECDL.

7.1.3 Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li l-lezzjonijiet ta' filgħaxija tal-qari għat-tfal mexjin.

7.1.4 Dwar il-korsijiet ta' l-artiġġjanat il-Viċi Sindku nforma li għadna fil-proċess li jinstabu għalliema.

7.1.5 Huwa nforma wkoll li se jibdew il-preparamenti għall-kompetizzjoni tal-figolli kif wkoll konkors letterarju għal Jum Ħal Tarxien.

**7.2 Rapport mill-Kunsilliera Claudienne Lanzon**

7.2.1 Il-Kunsilliera C. Lanzon qalet li m'għandiex irraportat li qiegħda taħdem dwar laqgħat ta' parenting skills għall-ulied u l-ġenituri.

**7.3 Rapport mill-Kunsillier Keith Darmanin**

7.3.1 Is-Sur K. Darmanin irraporta dwar il-laqgħa tan-Neighbourhood Watch area 12. Huwa ppreżenta skeda ta' laqgħat oħra li ser jsiru fil-jiem li ġejjien li jkopru l-areas 13-17 (ara Skeda mehmuża). Dwar it-tabelli tan-Neighbourhood Watch il-Kunsill ġie nfurmat li dawn għadhom ma waslux.

7.3.2 Ġie ppreżentat rapport dwar il-Premju Żagħżugħ Tarxiniż 2011. Il-Kunsillier K. Darmanin qal li dan ingħata lill-Haydon Cassar.

7.3.3 Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li ser ssir laqgħa bil-koperazzjoni tas-SEDQA dwar il-bullying fid-Dar ta' Kejka nhar l-Erbgħa 9 ta' Marzu 2011.

7.3.4 Huwa nforma wkollli se ssir laqgħa dwar l-immudellar bi preparazzjoni għal Jum Ħal Tarxien.

**7.4 Rapport mill-Kunsilliera D. Vella**

7.4.1 Il-Kunsilliera D. Vella rrapurtat li qassmet ħwejjeġ lit-tfal fil-bżonn.

7.4.2 Is-Sinj. D. Vella tat rendikont tal-ħarġa u ż-żjara fil-Palazz tal-President u nfurmat li fis-Sajf se ssir żjara fil-Palazz tal-Verdala.

**7.5 Rapport mis-Sindku Kav. P. Farrugia**

7.5.1 Is-Sindku ta rendikont tal-ħarġa tiegħu għall-anzjani breakfast fil-Plaza Hotel.

7.5.2 Huwa ppropona li jsir programm tal-ħarġiet u attivitajiet ta' kull Kunsillier u ssir nota tiegħu fil-Minuti.

## *8.0 Ħwejjeġ Oħra*

**8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv Maurice L. Mallia għadda kopja taċ-ċwievet ta' l-uffiċċju lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Sjna Marisa Pisani.

## *9.0 Għeluq tal-Laqgħa*

**9.1** Il-laqgħa ntemmet fit-8.15pm.

**9.2** Laqgħa oħra ser issir nhar l-Erbgħa 23/03/2011 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| *Marisa Pisani* | *Kav. Paul Farrugia* |
| *A/Seg. Eżek.* | *Sindku* |

mn28-06 (23 Frar 2011)/minuti/ag